MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru 265/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**
**(Sp. Chris Pullicino)**

**vs**

**Johann Attard Flores ta' 22 sena, iben Mario u Theresa nee Delia, mwieled Pieta' fit-3 ta' April, 1981,**
**u joqghod 54, Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 171681 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Johann Attard Flores li gie akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmlulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

Talli f'Awissu, 2003 u fix-xhur ta' qabel mill-hanut bl-isem ‚Phones R Us' sitwat fi Triq Manuel Dimech, Sliema kkommetta serq ta' apparat cellulari komplut bl-accessorji taghhom kif ukoll top-up vouchers tal-Go-mobile u tal-Vodafone ghad-dannu ta' Mario Attard Flores mill-Gzira u David Debattista mill-Furjana liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-persuna.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Fuq ammissjoni qed issibu hati ta' l-istess wara li rat l-artikolu 261, 267 278, 279 tal-Kapitlu 9, tqis li t-tieni akkuza hija kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza ta' serq.

Dwar il-piena rat l-istqarrija ta' l-akkuzat.

Rat il-fedina penali tieghu.

Qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rat iehor fi zmien sentejn mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------